**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Mejju, 2016**

**Rikors Revoka Nru: 158/2016 AF**

**Ronald sive Robert Balani u martu Jane Balani personalment u ezercenti l-kummerc taht l-isem Savita**

**vs**

**Anthony Grech Sant u martu Maria sive Moira Grech Sant**

Il-Qorti:

Regghet rat ir-rikors ta' Anthony u Maria sive Moira konjugi Grech Sant li permezz tieghu, il-Qorti intalbet li, a tenur ta dak li hemm dispost fl-Artikolu 836(1)(c), (d), (e) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi jigi revokat in parte sabiex b'hekk il-frazi "xi proprjetà u b'mod partikolari" tigi kancellata u l-mandat jibqa' fis-sehh biss fiz-zewg proprjetajiet immobbiljari fuq imsemmija u dan minghajr pregudizzju ghal kull dritt ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba ta' Ronald sive Robert Balani u martu Jane Balani personalment u ezercenti l-kummerc taht l-isem Savita.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' April 2016 fejn il-Qorti, wara li semghet lid-difensuri ordnat illi l-mandat ta' inibizzjoni numru 1431/2014 jibqa' jolqot biss il-proprjetà numru 42 u 44, Triq il-Fies, Misrah Kola, Attard, u l-korp ta' bini 97, 98 u 99, Xemxija Hill, Xemxija, San Pawl il-Bahar. M'ghandu jolqot ebda proprjetà ohra ta' Anthony Grech Sant u martu Maria sive Moira Grech Sant, filwaqt li rrizervat li tipprovdi dwar l-ispejjez in camera.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Tordna, fic-cirkostanzi, illi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF